**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Gunju 2019.**

**Rik Gur : 15/2018 AGV**

AB ( ID Nru :101363M)

Vs

CB ( ID Nru: 61360M)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturipprezentat fid- 19 ta' Jannar 2018;

Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma;

1. Illi r-rikorrent u l-intimata martu huma separati ai termini ta' kuntratt ta' seperazzjoni datat 22 ta' Novembru 2005, in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

2. Illi ai termini tal-istess kuntratt , senjatament klawsola 5 (b) gie stipulat li r-rikorrenti ghandu jhallas is-somma ta' mitejn u teltin Ewro ( Eur 230) gja' Mitt Lira Maltin ( LM 100) kull erba' gimaghat lil intimata, liema ammont ghandu jibqa' jigi mhallas lil intimata indefinittivament;
3. Illi mit-trapass tal-iffirmar tal-kuntratt, ir-rikorrenti gie a konjizzjoni ta' fatti u cirkostanzi, li ma kienx konsepevoli taghhom, u jirrzulta li l-intimata ghandha anke introjtu alternattiv;
4. Illi r-rikorrenti minhabba dac-cirkostanzi, jinsab fi stat finanzjajru prekarju, filwaqt li l-intimata attwalment tippercepixxi diversi beneficcji kif ukoll il-manteniment kif stipulat fuq il-kuntratt;
5. Illi in vista ta' din is-sitwazzjoni, jehtieg li jsir aggustament fil-hlas tal-manteniment kontribut mir-rikorrenti, b' dan li d-dritt tal-intimata li tircievi manteniment minghand ir-rikorrenti ghandu jigi rivedut, jew alternittivament imnehhi.
6. Illi ghalkemm ir-rikorrenti intavola l-proceduri appoziti ta' medjazzjoni sabiex din is-sitwazzjoni tigi rimedjata, ma ntlahaqx ftehim (Dok B), u ghalhekk kellha tigi ntavolata dil-kawza.

Illi r-rikorrenti jaf bil-fatti hawn esposti personalment.

Ghalhekk l-esponenti jiltob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti;

1. Tirrevedi u konsegwentament telimina, jew alternattivament, tirriduci l-ammont ta' manteniment pagabbli lir-rikorrenti fil-konfront tal-intimata martu;
2. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun sabiex il-kuntratt ta' separazzjoni datat 22 ta' Novembru 2005 vigenti bejn il-partijiet, jirrifletti l-varjazzjoni hawn mitluba.

Bl-ispejjez kontra l-intimata illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata datata 26 ta' Frar 2018 tal-intimata CB;

1. Illi l-manteniment pagabbli lill-konvenuta ma jammontax ghal mitejn u tletin Ewro kif indikat mir-rikorrent fir-rikors guramentat izda jammonta ghal mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu ( Eur 232.94) li fiz-zmien li gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet nhar it- 22 ta' Novembru 2005 kienu ekweivalenti ghal mitt Lira Maltin (LM100), liema manteniment kellu jigi rivedut annwalment skont l-Indici tal-Gholi tal-Hajja skont kif jipprovdi l-istess kuntratt ta' separazzjoni;
2. Illi ma jezistu l-ebda fatti u jew cirkostanzi li gew jew setghu gew a konjizzjoni tar-rikorrenti li minhabba fihom ghandu jigi rivedut, eliminat jew ridott l-ammont ta' manteniment li l-istess rikorrent huwa marbut li jhallas lill-konvenuta;
3. Ill l-konvenuta ma ghandha l-ebda intorjtu iehor ghajr ghal dak li hija tircevi bhala manteniment minghand ir-rikorrent jew l-beneficcji socjali li hija intitolata ghalihom minhabba c-cirskostanzi taghha b' mod partikolari dawk ta' sahhitha;
4. Ili c-cirkostanzi finanzjajri tar-rikorrrenti ma nbiddlux u mhux minnu li r-rikorrent jinsab fi stat finanazjarju prekarju;
5. Illi r-rikorrenti kien jaf ghal xiex diehel u l-piz finanzjarju li kien ser jassumi meta ffirma l-kuntratt ta' seperazzjoni bid-data ta' nhar it-22 ta' Novembru 2005 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella.
6. Illi fi kwalunkwe kaz ma jezistu l-ebda cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tar-rikorrent li gabu lill-istess rikorrenti fl-impossibilita' li jkompli jezegwixxi l-obbligu ta' hlas ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-massima legali pacta sunt servanda, l-kuntratt ta' seperazzjoni m' ghandux jigi disturbat sempliciment ghax ir-rikorrenti ihoss li hemm cirkostanzi godda;
7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta ammettiet it-talbiet attrici fis-seduta ta' llum, u ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

**Tilqa' l-ewwel talba, u ghalhekk tvarja l-kuntratt indikat billi thassar l-obbligu tal-hlas tal-manteniment mill-attur lill-konvenuta.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba.**

**Spejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**It-terminu tal-appell qed jigi abbrevjat ghal gurnata.**

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**